MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 1218/2009

**Presede Camilleri, Teresa Cassar, Mary Farrugia, Ines Gouder u Carmen Magri**

**-vs-**

**Carmel *sive* Charles Abdilla**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti krew il-fond "Viva Kristu Re" numru 7A Flat 2, Triq Hanover Cospicua lill-intimat bil-kera ta' mija u sitta u tletin Ewro u ħames ċenteżmi ta' Ewro (€163.05) fis-sena liema kirja nbdiet mis-sena 2003;

2. Illi r-rikorrenti ppruvaw jikkomunikaw ma' l-intimati diversi drabi fil-fond mikri lilu iżda qatt ma sabuh

hekk u fil-fatt huma avżawh ġo indirizz ieħor permezz ta' ittra datata 5 ta' Mejju 2009 sabiex jivvaka l-fond u jikkonsenja ċ-ċavetta tal-istess fond u dan għaliex fost affarijiet oħra l-intimat naqas li jħallas il-kera għas-sena 2009 liema kera titħallas bil-quddiem kif ukoll abbanduna l-fond u ħallih fi stat traskurat;

3. Illi minkejja li l-intimat rċieva l-ittra hawn fuq indikata tant li huwa rrisponda b'ittra datata 16 ta' Mejju 2009 huwa baqa' ma rritornax iċ-ċavetta tal-imsemmi fond;

4. Illi għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet xi jressaq;

5. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti kienu krew lill-intimat il-fond "Viva Kristu Re" numru 7A, Flat 2, Triq Hanover, Cospicua liema kirja bdiet mis-sena 2003 u wara ftit ta' żmien jidher li abbandunah għaliex kemm-il darba marru u ma sabuhx hemm. Barra minn hekk huwa naqas li jħallas il-kera għas-sena 2009, liema kera titħallas bil-quddiem skond il-ftehim li kien hemm bejniethom.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza a tenur tal-Artiklu 167 tal-Kap. 2 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimat biex jivvaka mill-fond "Viva Kristu Re" numru 7A, Flat 2, Triq Hanover, Cospicua fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti bl-għajnuna jekk ikun hemm bżonn tal-uffiċjali tal-Qorti u tal-pulizija.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittri interpellatorji kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi;

Rat id-digriet tat-18 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu l-konvenut ġie awtorizzat jippreżenta risposta ġuramentata;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fit-3 ta' Frar 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi huwa minnu illi huwa jikri l-fond "Viva Kristu Re" numru 7A, Flat 2, Triq Hanover, Cospicua mingħand ir-rikorrenti u dan għall-kera annwali u mija sitta u tletin Ewro u hames ċenteżmi (€163.05) u li din il-kirja nbdiet fis-sena 2003;

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda kollha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, u dana *stante* illi:

a) Proċeduralment, ir-rikors promotur huwa null peress illi r-rikorrenti kollha jgħixu barra minn Malta u ma kienux Malta meta ġie ppreżentat ir-rikors promotur;

b) Illi ma tressqet ebda prova li kien hemm mandat biex din il-kawża tiġi ntavolata;

c) Illi ma tressqitx il-lista tax-xhieda kif rikjest mil-Liġi u għalhekk ir-rikors promotur huwa wieħed irritu u null;

d) Illi, mingħajr preġudizzju għal dak ġja' eċċepit, fil-mertu, il-kera għas-sena 2009, l-esponent kien għamel minn kollox biex iħallasha, kienet Tereza Cassar għal ebda raġuni nfondata li ma aċċettathiex;

e) Illi dwar din il-kirja kien hemm il-ftehim li tiġġedded awtomatikament fid-diskrezzjoni tal-intimat konvenut;

f) Illi m'huwiex minnu illi l-esponent ħalla l-fond mertu ta' din il-kawża fi stat traskurat, kif allegat fir-rikors promotur, tant illi l-esponenti għamel xogħlijiet ta'

natura straordinarja u benefikati oħra fil-fond mertu ta’ din il-kawża, u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.
Rat l-affidavit tal-konvenuta u d-dokumenti esebiti minnha;

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Mejju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta li l-atturi krew lill-konvenut (li dak iż-żmien kien għarus lil membru tal-familja tagħhom) il-fond imsemmi fir-rikors. M’hemmx kwistjoni illi l-kirja saret fl-2003 u li l-atturi nformaw lill-konvenut bl-intenzjoni tagħhom li jieħdu lura l-fond qabel ma ppropionew il-kawża.

Jidher għalhekk ċar li l-konvenut m’għandu ebda titolu validu biex jibqa’ jgħix fil-fond in kwistjoni billi japplikaw il-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili dwar il-lokazzjoni.

Illi jirriżulta ukoll li l-atturi, kontrarjament għal dak li sostna l-konvenut, kollha jgħixu Malta u għalhekk l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu m’għandhom ebda bażi legali.

**Għaldaqstant filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi kollha u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta’ tlett xhur; l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------